MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
SILVIO CAMILLERI**

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2013

Numru 91/2013

**Il-Pulizija
(Spettur Josric Mifsud)
Vs
Joe-Martin Cefai**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellant Joe-Martin Cefai, detentur tal-karta ta' l-identita` bin-numru 19383G, quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bhala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali:

Talli nhar il-25 ta' Settembru, 2009, f'dawn il-Gżejjer, għal-ħabta tal-għaxra nieqes kwart ta' filgħaxija (2145hrs) ġewwa Triq il-Knisja, Żebbuġ, Għawdex:

a) saq il-vettura AAR805 b'manijiera negliġenti, traskurata, u perikoluża, liema sewqan wassal sabiex seħħ inċident tat-traffiku.

b) talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi bi traskuraġni nvolontarjament ikkaġuna ġrieħi ta' natura gravi fuq Joseph Xerri (ID71242G).

c) talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi bi traskuraġni nvolotarjament ikkaġuna ġrieħi ta' natura ħafifa fuq Coronato Sultana (ID 82947G).

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-liġi tissospendi l-liċenzja tas-sewqan tal-imputat għal perjodu ta' mhux inqas minn sitt xhur.

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) mogħtija fl-14 ta' Frar, 2013, fejn il-Qorti wara li rat l-artikolu 225, 226(1)(b), 221 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta u sabet lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba fil-konfront tiegħu u ikkundannatu iħallas multa ta' elfejn ewro (€2000).

**3.** Rat ir-rikors tal-appell ta' Joe Martin Cefai minnu ppreżentat fid-19 ta' Frar, 2013 fejn talab lil din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata u tillibera lill-imputat minn kull imputazzjoni u ħtija.

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawża nklużi l-provi kollha prodotti quddiem l-ewwel Qorti fosthom id-depożizzjonijiet tax-xhieda mismugħa u d-dokumenti esebiti u semgħet lill-partijiet jittrattaw l-appell.

**5.** Il-fatti tal-kawża jistgħu jiġu riassunti kif ġej:

Fil-25 ta' Settembru 2009 għall-ħabta tal-9.45 pm l-imputat kien qiegħed isuq il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni AAR 804 fi Triq il-Knisja, Żebbuġ, Għawdex fid-direzzjoni tal-pjazza josserva vettura oħra għaddejja mill-pjazza 'l isfel. F'ħin minnhom sab ġo wiċċu żewġ persuni li kienu mexjin fit-triq ftit 'l barra mill-ħajt li kien hemm fil-ġen b tat-triq fejn ma kienx hemm bankina, għalkemm kien hemm bankina ftit aktar 'l isfel fid-direzzjoni minn fejn kienu ġejjin l-istess żewġ persuni. Minkejja li l-imputat pprova jevita liż-żewġ persuni u

għafas il-brejk huwa xorta laqathom. Iż-żewġ persuni milquta kienu Joseph Xerri u Coronato Sultana li kienu mexjin ġejjin mid-direzzjoni opposta ta’ dik minn fejn kienet ġejja l-vettura misjuqa mill-imputat fuq l-istess naħa tat-triq minn fejn kienet ġejja l-istess vettura. Bħala konsegwenza tal-inċident Joseph Xerri sofra ġrieħi f’rasu u fil-qasba ta’ siequ li rriżultat miksura u din ħadet diversi xhur biex tfieq. Coronato Sultana sofra ġrieħi ħfief.

**6.** Wieħed huwa l-aggravju tal-appellant konsistenti filli jirritjeni li l-ewwel Qorti għamlet apprezzament skorrett tal-fatti u tal-provi. Huwa jsostni li kienu Joseph Xerri u Coronato Sultana li kienu l-kawża unika tas-sinistru peress li qiegħdu lilhom infushom f’pożizzjoni ta’ perikolu manifest meta minflok ma għaddew minn taraġ u passaġġ pubbliku fil-ġemb tat-triq fuq l-istess naħa fejn kienu mexjin għaddew mit-triq, evitaw il-bankina li kien hemm fuq in-naħa tagħhom tat-triq fid-direzzjoni mnejn kienu ġejjin, imxew maġemb xulxin għal nofs it-triq minflok ġo filliera, f’parti tat-triq fejn tidjieq, waqt li kienu aljenati jpaċpċu u lebsin lbies mhux ċar f’parti tat-triq fejn id-dawl kien batut mingħajr faxx jew strixxa li tleqq ma’ drieghhom u b’hekk ħolqu emerġenza subitanea lill-imputat.
Ikkunsidrat:
**7.** Qabel kollox din il-Qorti tagħmel riferenza għad-dokumenti A sa C konsistenti fi tlett ritratti esibiti mar-rikors tal-appell u li l-prosekuzzjoni b’verbal waqt is-seduta quddiem din il-Qorti tat-8 ta’ Novembru 2013 talbet li jiġu sfilzati. Tabilħaqq dawn id-dokumenti setgħu faċilment ġew esibiti quddiem l-ewwel Qorti u ġew esibiti mar-rikors tal-appell mingħajr l-awtorizzazzjoni ta’ din il-Qorti li bħala regola bħala Qorti ta’ reviżjoni ma għandhiex tammetti provi ġodda f’din is-sede jekk ma jirriżultawx raġunijiet suffiċjenti għal daqshekk salv ukoll dak previst fl-artikolu 424 tal-Kodiċi Kriminali. Għalhekk din il-Qorti ma hix ser tieħu konjizzjoni tad-dokumenti msemmija u ser tordna li jiġu sfilzati.
**8.** Dwar din ix-xorta ta’ aggravju il-gurisprudenza ta’ din il-Qorti hi cara u kostanti fis-sens li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi li tkun ghamlet l-ewwel Qorti jekk mhux ghal ragunijiet gravi b’mod li din il-Qorti tirrevedi l-apprezzament ta’ dik il-Qorti fl-eventwalita’

biss li l-ewwel Qorti ma setghetx ragionevolment tasal ghall-konkluzjonijiet li waslet ghalihom fuq l-iskorta tal-provi prodotti quddiemha.

**9.** Is-sottomissjoni prinċipali tal-appellant hi li l-unika kawża tas-sinistru f'dan il-każ kienet in-negloiġenza tal-persuni li kienu mexjin fit-triq u li sfaw mtajjra fl-inċident u dan għar-raġunijiet ġia msemmija aktar kmieni f'din is-sentenza[1]. Effettivament din il-Qorti taqbel li kien hemm negliġenza da parti ta' Joseph Xerri u Coronato Sultana li kkontribwiet għas-sinistru u din il-kontributorjeta' ċertament trid tittieħed in kunsiderazzjoni fl-apprezzament li jrid isir. Iżda fil-kamp penali tali kontributorjeta' ma twassalx għal xi forma ta' kompensazzjoni ta' ħtijiet[2] u dan għaliex hu prinċipju f'materja kriminali li n-negliġenza kontributorja ta' ħaddieħor ma teskludix in-negliġenza tal-imputat, sakemm dik in-negliġenza ma tmurx oltre l-kontributorjeta' u tirrisolvi ruħha fil-kawża determinanti jew "deċiżiva" tal-inċident[3].

**10.** L-ewwel Qorti, filwaqt li kkonċediet li kien hemm negliġenza kontributorja da' parti tas-sinistrati waslet għall-konklużjoni li l-appellant kien negliġenti da parti tiegħu meta naqas milli jżomm *a proper lookout* waqt li kien isuq u tat ir-raġunijiet dettaljati tagħha għaliex waslet għal dik il-konklużjoni. Di fatti ħadet in kunsiderazzjoni li fejn ġara l-inċident it-triq hija waħda piuttost wiesgħa, b'viżwali tajba, kienet mdawwla għalkemm seta kien wieħed batut, is-sewwieq kien ħalla lilu nnifsu jiġi distratt b'vettura li kienet ġejja mid-direzzjoni opposta tat-triq, it-triq kienet waħda twila u piuttost għad-dritt, seta faċilment jevita lill-persuni fit-triq b'devjazzjoni qasira laterali lejn nofs it-triq.

**11.** Din il-Qorti wara li eżaminat ir-raġunijiet mogħtija mill-ewwel Qorti u fliet il-provi prodotti ma ssib ebda raġuni sabiex tiddipartixxi mill-konklużjoni tal-ewwel Qorti u anzi pienament tikkondividiha. Din il-Qorti wkoll taqbel li l-imputat naqas milli jżomm *a proper lookout* fis-sewqan

[1] Ara paragrafu 6 *supra*

[2] App Kr: P v Joseph Muscat 10/6/1994

[3] App Kr: P v Rev Carmelo Mifsud 5/9/1953

tiegħu u ma tistax tifhem kif l-imputat seta' jistqarr lill-pulizija ftit wara l-inċident li "F'daqqa waħda sibthom ġo wiċċi" meta kif kkonstatat ukoll l-ewwel Qorti fil-parti fejn sar l-inċident it-triq hi piuttost wiesgħa u hi biżżejjed għad-dritt u għat-tul sabiex tippermetti sewwieq prudenti u konsapevoli ta' dak li qed jiġri madwaru jinduna b'persuni li jkunu miexja fit-triq ġejjin fuq l-istess naħa tiegħu tat-triq mid-direzzjoni opposta. Jekk id-dawl fl-inħawi kien wieħed batut allura dan kien jagħmilha aktar impellenti fuq l-imputat li jnaqqas il-veloċita' tiegħu anki anqas minn dak regolamentari għall-inħawi u jagħti attenzjoni akbar f'dik il-parti tat-triq. Minlok jirriżulta li l-imputat ma kienx attent biżżejjed waqt is-sewqan tant li ntebah bil-preżenza ta' Xerri u Sultana fit-triq meta kien tard wisq sabiex jista' jevithom jew iwaqqaf il-vettura tiegħu fil-ħin. In-negliġenza li kien hemm da parti ta' Xerri u Sultana ma kienetx tali li teskludi n-n-negliġenza tal-imputat bħala kawża tas-sinistru tant illi kieku l-imputat kien qiegħed iżomm *a proper lookout* kif kien obbligat li jagħmel skont il-liġi huwa seta jevita għal kollox is-sinistru.

**12.** Subordinatament l-appellant talab ukoll li l-piena inflitta mill-ewwel Qorti għandha tiġi riveduta billi tiġi sostwita bl-applikazzjoni tal-artikolu 22 (liberazzjoni assoluta jew kondizzjonata) tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta. Fejn si tratta ta' piena din il-Qorti ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti sakemm dik il-piena tkun fil-parametri tal-liġi u ma tkunx manifestament irraġionevoli. F'dan il-każ l-ewwel Qorti ddikjarat espressament li kienet qed tqis il-kontributorjeta' ta' Xerri u Sultana għall-inċident fil-kalibrazzjoni tal-piena. Fiċ-ċirksotanzi tal-każ tenut kont tal-konsegwenzi li kellu l-inċident u li potenzjalment setgħu faċilment kienu ferm aktar gravi din il-Qorti, anki meqjusa n-negliġenza kontributorja da parti tas-sinstrati, ma tara xejn irraġonevoli fil-piena ta' ħlas ta' multa ta €2000 imposta fuq l-imputat appellant u anzi tqis li tkun irraġonevoli l-miżura alternattiva suġġerita minnu.

Għall-motivi premessi din il-Qorti, filwaqt li tordna l-isfilz tad-dokumenti A sa C konsistenti fi tlett ritratti annessi mar-rikors tal-appell tal-imputat Joe-Martin Cefai (fol. 108), tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------